# Il-Kult lejn is-Sagri Relikwi

Jikteb
**Alfred Massa**

Jista' jkun li xi wħud waqt li jsegwu purċissjoni (mhux sagramentali, naturalment) jistaqsu lilhom infushom: Imma ċ-ċelebrant x'inhu jġorr f'idejh?

Dik aktarx tkun teka f'relikwa/ostensorju. Fit-teka jista' jkun hemm xi biċċa għadma, ftit demm jew parti mill-ilbies, inkella oġġett konness ma' dak il-qaddis/a partikolari. Fil-każ ta' Kristu aktarx ikun hemm biċċa mis-salib li fuqu miet għalina; fil-każ tal-Madonna xi biċċa minn ilbiesha.

Din il-qima lejn ir-relikwi sagri tmur lura ħafna u ħafna snin fil-Knisja Kattolika. Insibu l-ewwel Insara kienu jqimu l-iġsma tal-martri. Anzi, jekk immorru lura fl-Antik Testment, eżattament fil-Ktieb tal-Eżodu naqraw dan li ġej:

*U Mosè ħa miegħu l-għadam ta' Ġużeppi, għaliex Ġużeppi kien ġiegħel lil ulied Israel jaħilfu li jagħmlu dan meta qalilhom: "Alla għad iżurkom u intom għandkom iġġorru għadmi magħkom minn hawnhekk". (Eżodu: Kap 13, vers 19).*

Tajjeb ngħidu li aħna l-Insara Kattoliċi mhux l-ewwel darba li niġu ikkritikati dwar dan il-kult minn setet u reliġjonijiet oħra għax jgħidulna li din hija jew fissazzjoni nkella idolatrija. Iżda dan mhu minnu xejn. Tant hu hekk, li kieku lill-Mulej dan il-kult ma jogħġbux, ma kienx jorbot miegħu diversi mirakli.

Anki hawn wieħed jista' jirreferi għall-Kotba Mqaddsa. Fil-ktieb Ekklesjastiku (Kap 48, vers 15) naqraw dwar il-profeta Elija. Hemm miktub li dan il-profeta f'ħajtu wettaq ħwejjeġ kbar u wara mewtu għamel il-mirakli. Mhux biss, anki fil-Ġdid Testment naraw att mirakuluż meta mara marida misset it-tarf tal-libsa ta' Ġesù u fieqet minnufih (Matt. Kap 9, vers 22).

## Ġesù Kristu

L-importanti li nżommu quddiem għajnejna li dan il-kult ma jispiċċax fil-qaddisin, imma f'Ġesù Kristu.

Il-kult lejn il-qaddisin għandu jwassalna biex nagħrfu l-vera triq li għaddew minnha dawn il-persuni biex waslu għand Ġesù fil-Ġenna.

Hija t-triq tal-Vanġelu. Fil-qaddisin għandna naraw dawk il-virtujiet sbieħ li kellhom meta kienu fuq din l-art, bħal: penitenza, sabar, imħabba, kastità, fidi, tama,



Relikwi ta' diversi qaddisin fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien

eċċ. u nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nimitawhom. Dawn il-qaddisin imxew wara l-istandard tas-Salib ta' Kristu li wassalhom għandu. F'ħajjithom huma taw glorja lil Alla u kienu ta' eżempju għalina lkoll. Għalhekk mhux ġust li wieħed jgħid li l-qima lejn il-qaddisin hija fissazzjoni jew idolatrija.

U ngħiduha, kemm mirakli saru bl-interċessjoni ta' dawn l-erwieħ twajba! Mirakli li għadhom iseħħu sal-lum. Għalhekk il-Knisja sa mill-qedem ħajret lill-fidili biex jitolbu lill-qaddisin ħalli jinterċedu għalihom quddiem il-Mulej.

Il-Knisja wkoll dejjem uriet qima speċjali lejn dawn il-fdalijiet. Tant hu hekk, li waqt xi funzjoni speċjali s-saċerdot jinċensahom. Ġieli wkoll iressaqhom lejna biex inbusuhom. Barra dan, huma jitpoġġew fuq l-altari għall-qima tagħna.

Sa ftit ilu kull altar kien ikollu rħama b'xi relikwi ta' xi qaddis jew qaddisin u fuq dik l-irħama (speċi ta' qabar żgħir) kienet tiġi iċċelebrata l-Quddiesa. Illum din id-drawwa antika fil-Knisja tagħna, drawwa ġejja sa mill-ewwel Insara tal-katakombi, donnha li nqatgħet għal kollox. Min jaf għaliex? L-istess kien isir meta xi knisja kienet tiġi ikkonsagrata!

Jingħad per eżempju li meta l-knisja tar-raħal ġiet ikkonsagrata, nhar Lapsi tal-1782, kienet saret purċissjoni bir-relikwi ta' xi qaddisin martri mill-kappella ta' San Bert. Dawn ir-relikwi kienu ngarru minn saċerdoti libsin l-abiti sagri. Il-konsagrazzjoni tal-knisja tal-Lunzjata saret wara talba tal-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġwann Psaila (1709-99) lill-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807) u ċ-ċerimonja saret fil-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej fil-9 ta' Mejju 1782.

Ta' min jgħid, li l-istess kappillan kien talab ukoll lill-Isqof Labini biex jikkonsagra l-kappella ta' San Bert. Din kienet ikkonsagrata fit-30 ta' April 1797.

## Relikwi fil-parroċċa tagħna

Kulmin hu ta' ċerta età żgur li jiftakar li fuq l-altar ta' San Anard (u jekk miniex sejjer żball anki fuq dak ta' San Mikiel) kien hemm numru ta' teki. Meta mbagħad l-altari saru tal-irħam, peress li qabel kienu tal-ġebel, dawn it-teki tneħħew u ntrefgħu. Iżda fil-festa tal-Qaddisin Kollha (1 ta' Novembru) kienu jitpoġġew ħdejn l-altar maġġur għall-qima tal-fidili. Illum dan m'għadux isir. Dawn it-teki jinsabu merfugħin f'kamra fuq is-Sagristija l-qadima!

## Għeluq

Il-kult lejn il-qaddisin f'pajjiżna nistgħu ngħidu li jmur lura għal ftit snin wara li San Pawl żera' fostna ż-żerriegħa Nisranija. Araw kemm bliet u rħula għażlu qaddisin bħala patruni rispettivi tagħhom. Forsi din mhix xhieda biżżejjed?

Iż-Żwieten u ż-Żrieraq għażlu lil Santa Katerina ta' Lixandra, iż-Żebbuġin poġġew lilhom infushom taħt il-patroċinju ta' San Filep, is-Siġġiwin għażlu lil San Nikola ta' Bari. F'Għawdex naraw l-istess ħaġa; Ta' Sannat għażlu lil Santa Margerita, tal-Qala lil San Ġużepp, filwaqt li tax-Xewkija taħt il-patroċinju ta' San Ġwann l-Għammied. Dan barra l-parroċċi Marjani, għax wara kollox, il-Madonna hija l-Qaddisa tal-Qaddisin!

Imma l-kult lejn il-qaddisin jinħass u jidher ukoll fl-ismijiet ta' diversi toroq, pjazez, sqaqien, djar u saħansitra persuni, rġiel u nisa, kemm Maltin u anki Għawdxin. Ftakru ftit f'kemm niċeċ jinsabu mxerrdin mal-gżejjer tagħna! Kemm altari huma dedikati lilhom fil-knejjes u fil-kapelel li għandna fostna!

Dan kollu għandna għax inkunu mkabbrin bih għax illum sar parti mill-identità ta' pajjiżna. Fdalijiet marbutin ma' ċerti qaddisin jinsabu wkoll f'idejn il-poplu tagħna. Dik għandha santa b'biċċa miċ-ċoqqa ta' San Pio ta' Petralcina; l-ieħor għandu santa ta' San Ġorġ Preca b'biċċa mis-suttana li kien jilbes. U erħilhom dawn it-talin ibewsu fihom, jagħfsuhom ma' sidirhom u jitolbuhom grazzja fuq oħra.

U xi ngħidu għaż-żjajjar li jsiru fil-knejjes tagħna fejn il-fjuri u x-xemgħat ma jonqsux quddiem in-niċeċ jew fuq l-altari ta' ċerti qaddisin. Il-ħasra hi li kultant wieħed jinsa li ċ-ċentru tal-knisja hu Ġesù Sagramentat. L-ewwel vista, l-ewwel talba għandha ssir quddiem it-tabernaklu, ħalli mbagħad wara mmorru quddiem ix-xbihat qaddisa.

Ma rridux ninsew dak li għedt fil-bidu. Ir-relikwi sagri għandhom ifakkruna fil-qaddisin li f'ħajjithom taw glorja lil Alla. Huma għandhom ikunu d-dawl għalina biex nimxu fl-istess triq li mxew huma, ħalli wara din il-ħajja naslu fejn waslu huma.